ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025

Talba Nru: CCT52/25/DS

John Tanti

Vs

Maltapost p.l.c.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-10 ta' Marzu, 2025 fejn talab lis-soċjeta' intimata tirrifondih l-ammont ta' ħamsa u għoxrin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€25.38) illi huwa ħallas lill-Maltapost p.l.c. meta fil-fehma tiegħu dawn il-flus ma kellhomx jiġu mitluba lilu għaliex parti minn dan l-ammont kien VAT li fil-fehma tiegħu ma kienx dovut u l-kumplament kienu *processing fees* għal *customs clearance* li galadarba jikkontendi li ma sarx kif suppost ma ħax is-servizz kif dovut u qiegħed jiġi mitlub li jħallas għal dan is-servizz għal xejn.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba intavolat risposta u saħqet illi l-ammont ta' VAT dovut kien dak li kellu jitħallas skont il-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant is-servizz ingħata kif suppost u l-ħlas kien dovut fl-intier tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettaji tat-talba tiegħu taħt ġurament u l-istess għamlet is-soċjeta' intimata rigwardanti r-risposta tagħha.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi l-Maltapost ma kellha l-ebda kontroll fuq l-impożizzjoni tal-VAT u li ġaladarba d-dwana tkun imponietha (għall-liema raġuni mhux relevanti f'dan l-istadju) l-Maltapost ikollha teżegwixxi l-ġbir tal-VAT u ta' dan tieħu *administrative charge*. Illi għaldaqstant il-Maltapost għamlet xogħolha kif kellha tagħmlu u kellha dritt għall-ħlas.

Jidher illi d-diżgwid jinbed mill-fatt illi min bagħat il-pakkett lill-attur, filwaqt illi kien indika lill-attur li ma kienx hemm ħlas addizzjonali għall-pustaġġ, għamel dikjarazzjoni ta' pustaġġ fl-ammont ta' sebgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (€47.25). Dan irriżulta *f'charges* li nħadmu fuq dan l-ammont skont il-liġi hekk kif spjegat ċarament mix-xhud Sean Dingli għall-Maltapost, liema *charges* inħadmu mid-dwana skont is-sistema tan-National Import Export System (NIES).

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru